**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 10 ta` Ottubru, 2017**

**Talba Nru: 312/2017PA**

**Direct Imaging Limited**

**vs**

**Colour Image Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fl-14 ta` Lulju 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi ppremettiet li forniet lis-soċjeta` konvenuta materjali u/jew servizzi ta` stampar fuq inkariġu tagħha fl-ammont komplessiv ta` tlett elef mija u hamsa u erbgħin Ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€3,145.92ċ), kif jidher mir-rendikont anness bhala Dok.'X'; li wara sensiela ta` proċeduri legali, inklużi mandati kawtelatorji, is-soċjeta` konvenuta hallset is-somma ta` hames mitt Ewro (€500) fil-5 ta` Marzu 2017 (Dok.'Y'); li minn dakinahar, ma sar l-ebda hlas iehor, biex b'hekk is-soċjeta` konvenuta baqagħlha thallas bilanċ ta` elfejn sitt mija u hamsa u erbgħin Ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€2,645.92ċ); li minkejja li kienet interpellata biex thallas, din baqgħet inadempjenti. Għaldaqstant, is-soċjeta` attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lis-soċjeta` konvenuta thallasha s-somma indikata, bl-imgħax legali mill-15 ta` Jannar 2016, bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali eżekuttiva tal-20 ta` Jannar 2017, tal-mandat ta` sekwestru numru 106/2017,

tal-mandat ta` qbid numru 108/2017 u tal-mandati ta` sekwestru u qbid preżentati kontestwalment.

Ra d-dokumenti annessi mal-Avviż tat-Talba, senjatament *Statement of Account* li juri bilanċ ta` tlett elef mija u ħamsa u erbgħin Ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€3,145.92ċ) fil-15 ta` Jannar 2016 (Dok.'X', fol.3), u kopja ta` ċekk maħruġ minn Dr. Joseph Paul Bonello f'issem klijenti datat 5 ta` Marzu 2017 fl-ammont ta` hames mitt Ewro (€500) (Dok.'Y', fol.4).

Ra li s-soċjeta` konvenuta, debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, baqgħet ma ppreżentatx risposta, u lanqas dehret biex tikkontesta l-kawża.

Ra li fl-udjenza tad-19 ta` Settembru 2017, ir-rappreżentant tas-soċjeta` attriċi kkonferma d-debitu pretiż minnha b'din l-azzjoni, u li dan għadu sallum dovut.

Ra li fl-istess udjenza, is-soċjeta` attriċi ppreżentat Kapitolu għas-subizzjoni tal-konvenuta, li bih riedet tipprova bil-ġurament tar-rappreżentant tal-konvenuta li hija debitriċi tagħha fis-somma u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż.

Ra li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tallum għas-subizzjoni tas-soċjeta` konvenuta.

Ra li, minkejja dan, ma deher ebda rappreżentant tal-konvenuta biex jiċħad il-mistoqsija magħmula lilha in subizzjoni, u biex jikkontesta l-kawża.

Qies għalhekk dan il-Kapitolu bħala moqri u mistqarr.

Ikkunsidra illi, għalkemm il-prova bil-mezz tas-subizzjoni għandha mill-ammissjoni tal-konvenut għat-talba kif impustata (ara **Joseph Gaffarena et vs Mixer Limited et**, Appell, 16.04-2004), it-Tribunal xorta waħda irid jikkunsidra jekk it-talba

attriċi tinsabx sufficjentement pruvata, fuq bilanċ ta` probabilita`, wara jqis il-provi kollha prodotti quddiemu.

Iqis li s-soċjeta` attriċi ppruvat it-talba tagħha, fuq bilanċ ta` probabilitajiet, fil-kontumaċja tas-soċjeta` konvenuta.

Kwantu għall-ispejjeż mitluba, għalkemm is-soċjeta` attriċi naqset li tippreżenta kopja uffiċjali tal-atti ġudizzjarji li tagħhom talbet l-ispejjeż, it-Tribunal ivverifika l-eżistenza tagħhom, filwaqt li jinsab sodisfatt li kienu mehtiega sabiex tikkawtela l-jeddijiet tagħha.

Kwantu għall-imgħax, għalkemm mill-iStatement of Account eżibit mis-soċjeta` attriċi jidher li l-fattura li ma thallsitx kienet datata 15 ta` Jannar 2016, is-soċjeta` attriċi naqset li tipproduċi kopja ta` din il-fattura. L-iStatement of Account juri li din il-fattura kienet ilha dovuta għal aktar minn 120 jum, u għaldaqstant l-imgħax ser jitqies li beda jgħaddi mis-26 ta` April 2016.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' limitatamet it-talba tas-soċjeta` attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallasha s-somma ta` elfejn sitt mija u hamsa u erbgħin Ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€2,645.92ċ), bl-imgħax kummerċjali mis-26 ta` April 2016 sad-data tal-ħlas, u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**